MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru 12/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Carmel Pace ta' 47 sena bin John u Salvina nee' Spiteri, imwieled Xewkija, Ghawdex, fit-22.03.66 u joqghod 19, Triq Santa Elizabetta, Xewkija detentur tal-karta ta'l-identita' 9866(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Pace li gie akkuzat talli fit-28 ta' Marzu 2001, ghal habta tat-3:00 ta' filghaxija fix-Xewkija, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gibilha disordni f'mohha, u cioe' ikkaguna ferita ta' natura gravi (sfregju fil-wicc) fuq Joseph Spiteri mix-

Xewkija, skond kif iccertifikah t-tabib tal-Isptar Generali ta' Ghawdex Dr. Joseph Vella ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli l-offiza hawn fuq imsemmija saret bi strument li jaqta' jew iniggez u cioe' flixkun tal-Kinnie ai termini ta'-Artikoli 217 tal-Kodici Kriminal, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, ai termini tal-Artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-2 ta' Gunju 2009;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti m tistax ma tosservax illi dana l-kaz ghadda minn iter processwali piuttost twil fejn il-kawza ghaddiet minn taht idejn tlett gudikanti differenti sa ma wasal quddiem dina l-Qorti kif ippreseduta fis-26 ta' Gunju 2007. Jidher illi kagun ta' dan id-dewmien, kienu diversi difetti procedurali li wasslu sabiex kawza li inizjalment inbdiet bil-procedura sommarja spiccat ghaddiet sabiex tibda tinstema bil-kumpilazzjoni b'digriet tat-08 ta' Novembru 2006 wara li l-Qorti kienet semghet il-provi kollha f'dina il-kawza, sabiex fl-ahhar l-Avukat Generali baghat n-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju fit-02 ta' Gunju 2009. Illi wara li nqrat l-imsemmija nota u l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti, bdew jinstemghu l-provi tad-difiza fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011. Illi l-Qorti tosserva ukoll illi ghalkemm fuq talba tal-Prosekuzzjoni kien gie nominat bhala espert ta'l-impronti digitali Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami

komparattiv bejn l-impronti digitali u palmari ta'l-imputat u dawk elevati minn fuq flixkun tal-Kinnie esebiet in atti, l-prosekuzzjoni u l-parte civile ghaddew sabiex jiddikjaraw il-provi taghhom maghluqa minghajr qatt ma gie ipprezentat dana ir-rapport.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reat ta'l-offiza volontarja fuq il-persuna ta' Joseph Spiteri. Joseph Spiteri huwa bniedem mutu u nieqes mis-smigh u huwa ukoll illitterat. Dana qed jigi rilevat peress illi kien hemm diffikulta sabiex l-Qorti tisma' x-xhieda tieghu billi l-uniku persuna estranja ghal dana il-kaz li setghet tifhem lill-imputat kienet biss ohtu Antonia Spiteri. Id-difiza oggezzjonat ghal dana l-fatt u kien ghalhekk illi x-xhieda tieghu ittiehdet bil-procedura awdjo-viziva kontemporanja ghaliex fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz, l-Qorti qieset lil dana ix-xhud bhala xhud vulnerabbli billi ma kienx hemm interpretu idonju sabiex jassisti lill-imputat fix-xhieda tieghu.

Illi l-fattispecje ta' dana il-kaz huma piuttost semplici u ma jidhirx illi kien hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dak li sehh ghajr ghal mument meta l-imputat allegatament ikkaguna il-griehi mertu tal-kawza lill-parti leza. Jidher illi bejn l-imputat u il-familja tal-parti leza, b'mod ewlieni missieru Emanuel Spiteri, kien hemm disgwid minhabba f'xi wirt tal-familja. Fil-jum ta'l-incident Emanuel Spiteri kien mar ghand in-neputi tieghu u kugin kemm tal-imputat kif ukoll tal-parti leza, certu Carmel Spiteri li kien joqghod vicin l-imputat. Kif kien ghaddej minn hdejn l-imputat inqala' battibekk bejn l-imputat u dana Emanuel Spiteri. It-tifla tal-parti leza, li kienet ma' nannuha marret ghand Carmel Spiteri sabiex tigbidlu l-attenzjoni ghal dana il-fatt u dana ta'l-ahhar ghalhekk intervjena sabiex iwaqqaf dana l-argument. Jidher izda illi hekk kif Emanuel mar lura id-dar ma' bint il-parti leza, din ta'l-ahhar marret tghid lil missierha b'dak li kien gara u Spiteri ghalhekk iddecieda imur jikkonfronta lill-imputat dwar dan. Billi kif diga inghad Spiteri huwa trux u mutu, kif wasal fil-garaxx fejn kien jinsab l-imputat u cioe' l-garaxx

ta’ Carmel Spiteri, dana dahal irrankat ghal fuq Pace. Dan ta’l-ahhar haseb li kien ser jaggredieh u ghalhekk dawn it-tnejn spiccaw gew l-idejn fejn f’xi hin anke waqghu it-tnejn fl-art. Illi hawnhekk ma hemmx qbil bejn il-partijiet u dana ghaliex l-parti leza tikkontendi illi f’dana il-mument l-imputat xejjirlu daqqa ta’ flixkun fuq rasu, filwaqt illi l-imputat jichad dana il-fatt kategorikament u izid ighid illi kien Spiteri li hebb ghalih b’xi hadida jew lasta. Huwa fatt mhux ikkontestat madanakollu illi fil-garaxx ta’ Spiteri fejn sehh l-argument kien hemm carcir tad-demm, kif ukoll instab flixkun tal-Kinnie li Spiteri jindika illi kien l-istess wiehed illi l-imputat kien sawwtu bih. Inoltre mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija irrizulta illi ghalkemm kien hemm diversi flixkien fil-garaxx ta’ Carmel Spiteri, madanakollu dana Spiteri jichad illi dana il-flixkun kien tieghu peress illi huwa ma kienx jixrob ix-xarba tal-Kinnie. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi f’dana l-incident l-parti leza sofra gerha fuq mohhu ikkagunata minn *blunt trauma* u dana kif iccertifika kemm it-tabib Joseph Vella li invistah *a tempo vergine*, kif ukoll ta’ Dr. Mario Scerri l-espert mediko-legali nominat mill-Qorti. Dina il-ferita madanakollu giet ikklassifikata bhala ferita ta’ natura hafifa billi kienet tinsab ezatt taht il-*hairline*, ma tidhirx minn *talking distance* u hija mohbija taht ix-xaghar u ghalhekk ma tistax tigi ikklassifikata bhala sfregju. Illi l-parti leza jikkontendi ukoll illi filwaqt li kien mal-art l-imputat tah xi daqqiet ta’ sieq u ghalhekk beda ibati minn ugigh f’riglejh. Izda il-Professur Raymond Aquilina li ezamina lill-parti leza jikkontendi illi dina l-ferita f’saqajn Spiteri hija kompatibbli ma persuna li jilwi saqajh u ighid illi l-pazjent fieq kompletament u ghalhekk anke dawn il-feriti kienu ta’ natura hafifa.

Ikkunsidrat,

Illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu.” (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli

Kriminali 30/03/1998). Illi d-difiza madanakollu tikkontendi illi l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkaguna xi hsara lil parti leza u dana peress illi huwa bl-azzjonijiet tieghu wiegeb ghall-aggressjoni li kien qed jissubixxi minn Spiteri. Illi ghalhekk l-imputat qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:
"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad:
***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Illi fil-fatt l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) spjegat dana il-kuncett b'mod ezawrjenti fil-kawza Ir-Repbblika ta' Malta vs Dominic Briffa meta stqarret:

"***li l-mod kif il-kwistjoni ta'l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-periklu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, fácilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element ta'l-inevitabbilita' tal-periklu jew minaccja. Jekk pero', mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-periklu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta'l-inevitabbilita'***."[1]

Illi l-Qorti tqis illi dawn l-elementi estremi ma jirrizultawx f'dana il-kaz. Illi l-imputat kien jaf ben tajjeb illi Spiteri kien bniedem nieqes mis-smigh u mutu. Illi ghalhekk seta' wasal ghal konkluzjoni illi dana il-bniedem ma kellux mod iehor sabiex juri ir-rabbja tieghu ghal dak li kien ghadu kemm sehh hlief li javvicinah b'certu rabbja fuqu. Illi fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma kellux bzonn jirreagixxi kif ireagixxa billi seta' fácilment ma jirritaljax ghall-agressjoni bil-mod kif irritalja billi facilment jipprova jikkalma lil Spiteri jew inkella billi jitlaq jigri 'il barra kif ghamel finalment. Mieghu fil-garaxx kien hemm ukoll Carmel Spiteri li ma jidhirx mix-xhieda tieghu illi f'xi hin beza ghall-inkoluminita ta'l-imputat meta ra lil Joseph Spiteri sejjer ghal fuqu u fl-ebda hin ma hass li kellu jintervjeni biex iwaqqfu. Il-Qorti temmen illi Pace f'dak il-mument qabad l-ewwel oggett li gie f'idejh u xejjirha fid-direzzjoni ta' Spiteri sabiex b'hekk laqqtu fuq rasu u ikkagunalu xi griehi.

[1] Kawza deciza fis-16 ta' Ottubru 2003

Illi ma hemmx dubbju madankollu illi l-imputat gie ipprovokat f’dana l-incident meta Joseph Spiteri hebb ghalih filwaqt li huwa kien qieghed ghal kwiet f’konversazzjoni ma’ Carmel Spiteri fil-garaxx tieghu. Kif diga inghad, l-parti leza kien irrabjat mhux ftit ghall-imputat minhabba li ftit tal-hin qabel kien ghad kemm kellu argument ma’ missieru, u bintu kienet marret tghidlu b’dak li kien sehh fejn dina dehret li kienet imbezza’. Spiteri ghalhekk mar ghas-sodisazzjon u biex bil-mod kif seta’ iwissi lil Pace biex ihalliehom bi kwiethom. Illi ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi dana l-incident kollu gie ipprovokat mill-parti leza.

Illi l-artikolu 227(c) fil-fatt jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni u l-Qorti tara illi fil-fatt hija dina s-sitwazzjoni li avverat ruhha bejn dawn it-tnejn minn nies. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali “illi f’nies ta’ temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.” Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta’ temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta’ temperament ordinarju. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta’ Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:
“Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma’l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: “*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l-attenuante dovra’ ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita’ esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto*

*alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi l-Qorti tqies illi f'dana l-kaz kien hemm provokazzoni da parti tal-parti leza u ghalhekk il-Qorti ser tilqa' dina il-linja difensjonali. Illi ma hemmx dubbju illi hekk kif gie affrontat minn Spiteri u ghalhekk gie ipprovokat, l-imputat ireagixxa instantanjament u ghalhekk it-tnejn gew fl-idejn bil-konsegwenza illi l-imputat ikkaguna il-griehi li sofra Spiteri f'dana l-incident, li kif gie stabbilit mill-provi kienu griehi ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat,

Illi d-difiza issollevat l-eccezzjoni ta'l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali billi l-feriti ikkagunati kienu ta' natura hafifa u kwindi l-azzjoni taqa' bid-dekors ta' sentejn minn dak inhar li sehh l-incident a tenur ta'l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dina l-eccezzjoni giet sollevata billi l-proceduri f'dina l-kawza gew iddikjarat nulli permezz ta' digriet tat-08 ta' Novembru 2006 fejn allura d-difiza tikkontendi illi l-preskrizzjoni giet interrotta u ghalhekk il-proceduri kellhom jinbdew mill-gdid. Id-difiza ghalhekk issostni illi meta dana sehh il-proceduri kriminali kienu waqqghu preskritti billi kienu ghaddew certament 'il fuq minn sentejn minn meta sehh r-reat. Illi l-Qorti tistqarr illi ma tistax taqbel ma dina il-linja difensjonali.

Illi l-artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 jiddisponi illi:
"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."

Illi ghalhekk hekk kif inbdew il-proceduri kriminali fil-konfront ta'l-imputat, l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali giet sospiza. Meta imbaghad inghata d-digriet ta' nullita rega beda jiddekorri mill-gdid, izda l-imputat baqa jigi innotifikat u fl-ebda mument tul dana il-procediment penali ma issollevva xi eccezzjoni illi ma kienx innottifikat bl-akkuza. Illi mill-atti jirrizulta illi l-akkuza giet moqrija mill-gdid fit-23 ta' Ottubru 2008 u kwindi inqas minn sentejn wara li inghata id-digriet tat-08 ta' Novembru 2006. Illi ghal dawn il-motivi dina l-eccezzjoni ser tigi respinta.

Ikkunsidrat,

Illi finalment l-Avukat Generali jindika ukoll l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 fin-nota tieghu ta' rinviju ghal gudizzju. Illi meta tigi biex tqies dina l-akkuza kontravvenzjonali dwar l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):
'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.'

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi dana l-incident sehh gewwa garaxx privat u mhux barra fit-triq. Illi mill-provi ma jirrizultax illi kien hemm xi ghajjat jew storbju ghajr ghal fatt illi kien hemm kollutazzjoni  bejn tnejn minn nies li sehh f'temp ta' ftit minuti. Il-Qorti ma tarax illi dina l-akkuza giet sufficjentement ippruvata u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minnha

Illi finalment meta il-Qorti ser tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta ma tistax tinjora l-fatt illi dana l-incident gie ipprovokat mill-parti leza innifsu. Lanqas ma tista tinjora il-fatt illi f'dana l-incident kien involut persuna b'dizabbilita' u persuni formanti parti mill-istess familja u kwindi ser tghaddi biex tapplika l-aggravanti indikati fl-artikoli 232(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 227(c), 222(a), 202(h)(vii), 222A(1), 230(b) u 232(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tillibera lill-imputat mill-akkuza kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, issib lill-imputat hati li ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Spiteri, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba provokazzjoni, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati b'garanzija ta' hames mitt ewro ghal zmien sena mil-lum sabiex izzomm il-paci ma' Joseph Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------